MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 106

29 ta' Jannar 2019

Minuti tas-seduta Nru. 106 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta, 29 ta' Jannar 2019 fis-6.00 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti, minbarra l-Kunsillier E. Bartolo li għarraf illi kien indispost, permezz ta' imejl datat 29 ta' Jannar 2019.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trażmessa direttament bl-internet.

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.1. Minuti

1.2. Il-minuti tas-seduta Nru. 105 tat-8 ta' Jannar 2019, ġew approvati u ffirmati mingħajr emendi. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku https://localgovernmentcms.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes.aspx

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

## 2.1.1. Faċilità ta' ħatt u tagħbija fi Triq in-Nases **(T/3/2/Vol XV)**

2.1.2. Il-Kunsill irrefera għal minuta 2.1.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li fit-30 ta' Jannar 2019 saret laqgħa mal-uffiċjali konċernati fi ħdan Transport Malta, fejn ġiet diskussa l-possibiltà li l-faċilità għall-ħatt u tagħbija ssir bejn il-bieb komuni tal-garaxx u l-kantuniera ma' Triq il-Kbira. Kien hemm diskussjoni dwar l-introduzzjoni ta' sistema *one-way* fi Triq in-Nases. Transport Malta kellhom jagħmlu pjanta tal-arranġamenti wara li jittieħdu qisien fuq il-post.

2.1.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.2.1. Andament tas-servizz dwar il-ġbir tal-iskart riċiklabbli (K/6/11)**

2.2.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.2.2. tas-seduta preċedenti u għarraf li fuq inizjattiva personali tal-kuntrattur ta' Green MT Ltd, il-ġabra tal-iskart riċiklabbli qed issir permezz ta' żewġ scammels, b'wieħed minnhom jibda eżatt wara is-7.00am u ieħor aktar tard. B'dan il-mod il-lokalità qed tkun koperta ferm qabel.

2.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.3.1. Parkeġġ parti mill-estensjoni tal-Iskola Primarja (S/3/1/1)**

2.3.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 6.2. tas-seduta preċedenti u għarraf li fil-11 ta' Jannar 2019 saret laqgħa ma' E-Cubed Consultants fejn ġew diskussi l-intenzjonijiet tal-Kunsill u ngħataw dettalji bil-għan li tiġi stabbilita l-vijabilità tal-estensjoni tal-parkeġġ minn kif kien ippjanat oriġinarjament mill-Fondazzjoni għall-Iskejjel t'Għada. Għal-laqgħa msemmija flimkien mas-Sur J. Buttigieg attendew il-Kunsillieri A. Brincat Stellini, E. Bartolo u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono.

2.3.3. Is-Segretarju għarraf li permezz ta' imejl datat 23 ta' Jannar 2019, l-Awtorità tal-Ippjanar infurmat li r-rikavat fil-Fond tal-Ippjanar (DPF) fl-aħħar sitt snin, kien kif ġej:

2013 - €60,063
2014 - €23,693
2015 - €89,733
2016 - €243,211
2017 - €317,353
2018 - €354,230

2.3.4. Il-Kunsill innota l-progress li sar u t-tagħrif mogħti.

**2.4.1. Proġett "*Active Aging, Active Citizenship, Active Towns (Act)*" (P/10/31)**

2.4.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 5.8.1. tas-seduta ta' qabel u ppproponiet li jsir attentat ieħor, bil-għajnuna tal-MEUSAC, sabiex jinkiseb finanzjament għal dan il-proġett taħt forma modifikata, wara li jitneħħew in-nuqqasijiet li kien hemm f'dak oriġinali. F'każ li dan jiġi aċċettat, it-twettieq tal-proġett jeħtieġ li jibda f'Ottubru 2019.

2.4.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.5.1. Attività tal-Karnival (A/5/5/Vol VII)**

2.5.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċenna għall-minuta 5.10.1. tas-seduta preċedenti u għarrfet li l-attività tista' isseħħ fl-4 ta' Marzu 2019, bejn il-5.30pm u t-8.00pm. Huwa stmat li din tkun tinvolvi nefqa ta' €1,280, flimkien ma' spejjeż oħra biex jiddawwal il-post.

2.5.3. Il-Kunsill approva l-attività u l-ispejjeż marbuta magħha, kif ukoll iddeċieda li l-post idejali għaliha jkun f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II.

**2.6.1. Kunċert mill-Ardingly College Schola Cantorum (A/5/5/Vol VII)**

2.6.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 5.11.1 tas-seduta ta' qabel u għarrfet illi l-kunċert li kellu jsir mill-korr imsemmi ġie kkanċellat minħabba li rriżulta illi l-programm taż-żjara f'Malta ma jippermettix.

2.6.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.7.1. Attivitajiet kulturali fis-Sajf 2019 (A/5/5/Vol VII)(A/5/3/7)**

2.7.2. B'żieda mal-minuta 5.12.1. tas-seduta ta' qabel, il-Kunsilliera A. Brincat Stellini, ipproponiet li l-inizjattiva "Arti fil-Misraħ" issir fil-5, 12, u 19 ta' Lulju 2019, filwaqt li Milied Mellieħi jiżvolġi bejn it-12 u l-15 ta' Diċembru 2019.

2.7.3. Il-Kunsill qabel mal-proposti mressqa.

### 2.8.1. Kunċert "Pjazza Rock" (A/5/5/Vol VII)

2.8.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini, għarrfet li l-Kumitat Pjazza Teatru Rjal qed jipproponi li fl-ewwel tmien-il ġimgħa fuq it-8 ta' Settembru 2019 jittellgħa l-kunċert imsemmi f'Misraħ l-Parroċċa, li jieħu bejn tlieta u erba' siegħat. Dan ikun jinvolvi aktar minn *rock band* waħda.

2.8.3. Il-Kunsill iddeċieda li għandu jiġi stabbilit l-involviment finanzjarju tiegħu, kemm-il darba jseħħ dan l-avveniment.

### 2.9.1. Mellieħa Netball Team (S/6/Vol IV)

2.9.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini, rreferiet għall-imejl datat 31 ta' Jannar 2019 fejn intalbet għajnuna finanzjarja mill-Kunsill sabiex jinxtraw *kits* għat-tim tan-Netball bl-istemma tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa.

2.9.3. Il-Kunsill qabel li jikkontribwixxi sa massimu ta' €300 u hekk tkun qed titjieb il-viżibilità tal-istess Kunsill.

### 2.10.1. Titjib fi Ġnien Dun Anton Debono u Ġnien tas-Salib (P/4/24)(P/4/22)

2.10.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini, irreferiet għax-xogħlijiet li għaddejjin fil-*playing fields* imsemmija u ppproponiet li ssir varjazzjoni fil-kuntratt relattiv sabiex isiru xtiebi għas-sigurtà tat-tfal li jiffrekwentaw dawn il-postijiet.

2.10.3. Is-Sindku J. Buttigieg tenna d-dikjarazzjoni tiegħu dwar dan il-proġett u ġibed l-attenzjoni li huwa kien qiegħed jastjeni mid-diskussjoni u sehem fid-deċiżjoni, skont kif mitlub fl-Artiklu 19 tal-Att XV tal-1993

2.10.4. Il-Kunsill approva din il-proposta sakemm l-ispiża ma taqbisx 20% tal-valur oriġinali tal-kuntratt.

### 2.11.1. Fondazzjoni Grupp Azzjoni Majjistral (MAGF) (P/10/5)

2.11.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li l-Fondazzjoni Grupp Azzjoni Majjistral (MAGF) ħatret Assistent Uffiċjal Amministrattiv u *Accountant* sabiex ikollha struttura amministrattiva kompleta ħalli tkun tista' tiffunzjona b'mod adekwat.

2.11.3. Hija kompliet tgħid li l-MAGF qed tħares lejn il-ħruġ ta' sejħa għal proġetti taħt il-Miżura 4 li tinvolvi l-iżvilupp ta' *green infrastructure* taħt il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali.

2.11.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.12.1. Aċċess minn/għall-Mellieħa (T/4/7/Vol II)

2.12.2. Il-Kunsillier H. Fenech aċċenna għall-fatt li l-aċċess minn u għall-Mellieħa huwa attwalment imxekkel mill-konġestjoni tat-traffiku li tiġri kuljum fix-Xemxija. Huwa qal li dan ser jiġi aggravat bi żvilupp intensiv, bħalma huwa dak approvat mill-Awtorità tal-Ippjanar - PA 6747/18 - fuq is-sit fejn qabel kien hemm il-Mistra Village fix-Xemxija.

2.12.3. Il-Kunsill innota li dan il-proġett kien diġa ġiet approvat skont il-permess PA 6236/08 u kulma sar riċentement kien it-tiġdid tiegħu.

## 2.13.1. Ċaqlieq ta' kaxxa tal-ittri u *deposit box* fi Triq Gorg Borg Olivier k/m Triq Sant' Anna (L/1)

2.13.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi ġibed l-attenzjoni dwar il-ħtieġa li l-*letter box* u d-*deposit box* li hemm fil-pjazzetta bejn Triq Ġorġ Borg Olivier u Triq Sant'Anna jitneħħew temporanjament sakemm jitwettaq il-proġett ta' titjib li jrid isir fl-istess inħawi.

2.13.3. Il-Kunsill talab li jsiru rappreżentazzjonijiet mal-Maltapost f'dan ir-rigward.

## 2.14.1. Tqassim ta' kontenituri għas-separazzjoni tal-iskart (K/6/11)

2.14.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi għarraf li saru arranġamenti mal-kuntrattur mqabbad minn Wasteserv (Malta) Ltd dwar it-tqassim tal-erba' kontenituri tal-iskart permezz tal-kampanja *"Sort It Out"*. Huwa qal li dan ser isir minn Triq Selmun fis-6, 7, 8 u 9 ta' Frar bejn 9.00am u l-4.00pm. Fil-Manikata t-tqassim ser isir fis-16 ta' Frar bejn 9.00am u l-4.00pm.

2.14.3. Il-Kunsill innota u approva l-arranġament propost.

## 2.15.1. Projbizzjoni ta' ipparkjar fi Triq Mons. Franġisk Xuereb (T/3/2/Vol XV)

2.15.2. Il-Viċi Sindku D. Vella ġibed l-attenzjoni li resident partikulari fit-triq imsemmija qed iħoss li l-proprjetà tiegħu hija vulnerabbli għas-serq, billi vetturi pparkjati quddiema jiffaċilitaw l-aċċess għall-gallarija li faċilment tintlaħaq mil-livell tat-triq. Huwa spjega li r-risidenza in kwistjoni tinsab bejn Triq il-Miġbħa u Triq l-Għasel.

2.15.3. Il-Kunsill approva t-talba.

## 2.16.1. *World Dance Day* (S/6/Vol IV)

2.16.2. Il-Viċi Sindku D. Vella aċċenna għall-Jum Dinji taż-Żfin, li jaħbat fid-29 ta' April 2019. Kompla jgħid li l-Artemocion Dance Studio ser jkunu qed jorġanizzaw serje` ta' attivitajiet f'diversi postijiet. Fost dawn qed jipproponu li ssir wirja taż-żfin f'Misraħ il-Parroċċa fit-28 ta' April 2019. Il-Kunsill intalab jikkontribwixxi għall-din l-attività billi jipprovdi servizz tal-audio.

2.16.3. Il-Kunsill approva t-talba.

## 2.17.1. Żjarat mill-*Unit* għall-Għoti tad-Demm (M/9/Vol VI)

2.17.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini, irreferiet għall-kuntatti li hija kellha mad-diriġent responsabbli mill-*unit*. Huwa ppjanat li l-istess *unit* jżur il-Mellieħa fl-10 ta' Frar, fis-7 ta' Ġunju u fit-13 ta' Ottubru 2019.

2.17.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.18.1. Proġett tal-pixxina tas-Sirens f'San Pawl il-Baħar (S/4/1/Vol II)

2.18.2. Għal din il-parti tas-seduta kien hemm preżenti il-President u l-Viċi-President tas-Sirens Aquatic Sports Club – Dr C.L. Vella u s-Sur John Farrugia, rispettivament. Is-seduta ġiet sospiża sabiex isiru nterventi dwar il-proġett propost tas-Sirens ASC li jinvolvi t-titjib tal-faċilitajiet eżistenti fil-pixxina tagħhom f'San Pawl il-Baħar.

2.18.3. Ġie spjegat li l-intenzjoni tal-klabb hija li japplikaw mal-Awtorità tal-Ippjanar sabiex jottjenu l-finanzjament meħtieġ taħt id-*Development Planning Fund* li huwa ntiż primarjament għall-proġetti tal-Kunsilli Lokali. Ġie spegat li l-proġett huwa diġa kopert bil-permess mill-Awtorità (PA 7244/17). Intqal li l-investiment huwa meħtieġ sabiex isiru kompetizzjonijiet fuq il-livell stabbiliti mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Għawm (FINA) matul is-sena kollha.

2.18.4. L-uffiċjali preżenti spjegaw li r-residenti tar-Reġjun tat-Tramuntana li jriedu jipprattikaw l-għawm u l-waterpolo qed ikollhom jagħmlu użu mill-Pixxina Nazzjonali f'Tal-Qroqq, fejn qed ikun hemm problemi biex tiġi akkomdotata d-domanda. Filwaqt li hemm erba' pixxini ppjanati għan-Nofsinhar u xejn fit-Tramuntana, il-proġett tas-Sirens għadu jservi ta' faċilità ewlenija għar-reġjun tat-Tramuntana. Issemma wkoll li għaddejjin kuntatti bejn il-klabb u l-Ministeru għall-Edukazzjoni u l-Impjiegi sabiex l-Iskejjel tal-Gvern fir-reġjun tat-Tramuntana jużaw dawn il-faċilitajiet ħalli jsiru klassijiet ta' għawm għat-tfal u ż-żgħażagħ.

2.18.5. Meta tkompliet is-seduta, il-Kunsill kien tal-fehma li t-titjib tal-faċilitajiet eżistenti b'tali mod li jippermetti l-użu tagħhom matul is-sena kollha għandu jkun ta' benefiċċju kbir għal-lokalitajiet fin-naħa ta' fuq ta' Malta, inkluż il-Mellieħa. Għaldaqstant, kien hemm qbil li din il-fehema għandha tiġi komunikata lill-Awtorità tal-Ippjanar li tamministra d-*Development Planning Fund*.

## 3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

3.1. Ma saru ebda mistoqsijiet.

## 4.1. Tqegħid ta' Karti

- Rendikont Finanzjarju – Lulju / Settembru 2018;
- *Purchase Request Form* – 26/01/19;
- Skeda ta' Pagamenti – 05/01/19 – 26/01/19;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

### 5.1.1. Inċidenti fi Triq il-Wilġa (D/5/Vol II)

5.2.1. Saret referenza għal erba' talbiet għad-danni kkawżati fuq vetturi kif jidher hawn taħt:

| Talba Nru. | Data tal-Inċident | Nru. tal-Vettura | Isem tat-Triq | Ammont Mitlub |
|---|---|---|---|---|
| 003/2019 | 14/01/2019 | ABV 049 | Triq il-Wilġa | €200.00 |
| 004/2019 | 15/01/2019 | HBL 357 | Triq il-Wilġa | €110.00 |
| 005/2019 | 15/01/2019 | LKE 145 | Triq il-Wilġa | €1,291.61 |
| 006/2019 | 15/01/2019 | FCO 214 | Triq il-Wilġa | €65.00 |
| 007/2019 | 16/01/2019 | RMA 089 | Triq il-Wilġa | €200.00 |

5.2.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li l-ħames talbiet kellhom mehmuż magħhom rapport tal-Pulizija, kontijiet u/jew riċevuti fiskali, kif ukoll riċevuta tas-servizz tal-irmonk. Ġie verifikat li l-imsemmija ħofra fil-fatt eżistiet u ġiet irranġata minnufiħ.

5.2.3. Kien hemm qbil li għandhom jitħallsu d-danni sofferti, iżda fir-rigward tat-talba 005/2019 ġie deċiż li din għandha tiġi mgħoddija lill-kumpanija tal-assikurazzjoni li tkopri lill-Kunsill peress li teċċedi €500.

### 5.2.1. PA 0306/19; PA 0310/19 - Żvilupp fil-Wied ta' Ruman (P/5/8/W)

5.2.2. Saret referenza għall-applikazzjonijiet imsemmija hawn fuq li jinvolvu l-kostruzzjoni ta' ġiebja, maħżeb, ħitan tas-sejjieħ u serer fil-Wied ta' Ruman, eżattament biswit Triq il-Marfa.

5.2.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandu joġġezzjona għall-bini ta' serer, il-kmamar għall-pompi, u l-imħażen mil-lat estetiku.

**5.3.1. PC 0121/18 – Tibdil fl-iskema approvata permezz ta' PC 0046/13 għaż-żona Ta' Masrija (P/5/1/Vol V)**

5.3.2. Ġie spejgat li l-applikazzjoni msemmija tinvolvi l-ispustjar ta' triq proġettata bejn Triq ir-Riħan u Triq ir-Rattan sabiex tinġieb bi dritt Triq il-Peprin.

5.3.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jintalab parir professjonali ta' perit qabel isiru xi rappreżentazzjonijiet dwarha.

**5.4.1. Protezzjoni tad-data (D/4)**

5.4.2. Saret referenza għal komunikat datat 24 ta' Jannar u Ċirkurali tat-28 ta' Jannar 2019 maħruġa mid-Direttur Ġenerali tal-Gvern Lokali u mill-President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, rispettivament. Fiż-żewġ każi l-Kunsilli Lokali qed jiġi mħeġġa jaħtru *Data Protection Officers* minn fost l-impjegati tagħhom għaliex fin-nuqqas ta' dan ikunu qed jesponu ruhom għall-impożizzjoni ta' multi kbar skont kif stipulat fir-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tad-Data. Ġie rrakkomandat li l-persuna magħżula għandhom tkun persuna minn fost l-impjegati tal-Kunsill, li tkun tokkupa kariga l-eqreb dik ta' Segretarju Eżekettiv, illi ma jkollhiex doveri marbuta mat-tmexxija tar-riżorsi umani.

5.4.3. Il-Kunsill qabel li għandu jaħtar lis-Sinjura Marica Azzopardi Gambin bħala Uffiċjal għall-Protezzjoni tad-Data.

**5.5.1. Tindif fl-imsaġar tal-Aħrax (T/6/1/Vol III)**

5.5.2. Saret referenza għal imejl datat 8 ta' Jannar 2019, mibgħut mill-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti tal-Mellieħa, fejn qed jgħarrfu lill-Kunsill li jixtiequ jagħmlu tindif volontarju ġewwa l-imsaġar tal-Aħrax fis-27 ta' Jannar, fit-3, 10, 17 u 24 ta' Frar, u fit-3 ta' Marzu 2019. Huma appellaw lill-Kunsill sabiex jipprovdilhom *open skip* fid-dati msemmija, kif ukoll jagħmel tajjeb għal spejjeż oħra kkalkulati li jlaħħqu €300.

5.5.3. Il-Kunsill qabel li għandu jipprovdi l-i*skips* meħtieġa.

**5.6.1. Parteċipazzjoni fi programm televiżiv (M/3/Vol II)**

5.6.2. Sar aċċenna għal imejl datat 17 ta' Jannar 2019 mibgħut minn Impel Communications fejn il-Kunsill ġie mistieden jieħu sehem fil-programm ta' quiz bl-isem "Waranofsinhar" li ser jixxandar fil-15 ta' Marzu 2019. Il-Kunsill intalab jibgħat żewġ persuni li mhux neċessarjament ikunu kunsillieri.

5.6.3. Il-Kunsill qabel li għandhom jipparteċipaw is-Sindku J. Buttigieg u l-Kunsillier J. Azzopardi.

**5.7.1. Introduzzjoni ta' *bus shelters* ġodda u titjib ta' oħrajn (B/6/Vol V)**

5.7.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li fl-14 ta' Diċembru 2018 saret laqgħa mas-Sinjuri Kevin Vassallo u Matthew Farrugia minn Faces Consultants Ltd. Għall-istess laqgħa attendew is-Sindku J. Buttigieg u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono.

5.7.3. Ġiet spjegata l-importanza li ssir applikazzjoni DNO sabiex ikun regolarozzat il-*bus shelter* li sar f'Għajn Tuffieħa li tqiegħed fuq il-post fl-2005. Intalbet direzzjoni wkoll dwar jekk għandux jitneħħa l-*bus shelter* ta' Triq l-Iżbark tal-Franċiżi fejn il-Kunsill irid jagħmel tajjeb għax-xogħol meħtieg.

5.7.4. Is-Segretarju fakkar li fis-Seduta Nru. 98 tad-9 ta' Lulju 2018 kien hemm diskussjoni fuq il-postijiet kollha ndikati mill-Kunsill, li tinkludi kemm toroq arterjali, kif ukoll oħrajn li jaqgħu fir-responsabilità tal-Kunsill. Il-lista kienet tinkludi s-segwenti:

| | |
|---|---|
| 1. | Triq Ġorġ Borg Olivier k/m Triq Adenau |
| 2. | Triq il-Marfa k/m Triq it-Trill (faċċata taċ-Ċimiterju Omm il-Ħniena) |
| 3. | Triq il-Marfa qrib iċ-Ċimiterju Omm il-Ħniena |
| 4. | Triq il-Marfa qrib il-lukanda Seabank |
| 5. | Triq Għajn Tuffieħa k/m Triq Għerien il-Ħida |
| 6. | Triq il-Marfa faċċata ta' Triq id-Dahar |
| 7. | Triq iċ-Ċirkewwa (Wied Musa) |
| 8. | Triq tal-Prajjet (Popeye Village) |
| 9. | Triq il-Latnija fil-parkeġġ ta' Paradise Bay |

5.7.5. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jillimita r-rakkomandazzjoni tiegħu fir-rigward ta' toroq li huma responsabilità tiegħu, peress li Transport Malta jista' għandha pjanijiet oħra, ossija n-numri 1, 2, 3, 5, 8, u 9.

## 5.8.1. Periklu fi Triq il-Pellegrini (D/5/Vol II)

5.8.2. Saret referenza għal ittra datata 14 ta' Jannar 2019, fejn persuna ġibed l-attenzjoni għall-periklu li jeżisti fit-taraġ ta' Triq il-Pellegrini, billi dan jiżloq. Huwa talab li jinstab rimedju u ressaq talba sabiex jirkupra spiża ta' €42.52 tat-tabib u l-mediċina. Tressaq ċertifikat tat-tabib, kif ukoll riċevuta tal-mediċina mixtrija.

5.8.3. Il-Kunsill ħa nota tal-allegat periklu, filwaqt li qies it-talba bħala waħda frivola.

## 5.9.1. Pont quddiem il-*boathouses* fix-Xatt ta' Santa Marija (D/5/Vol II)

5.9.2. Saret referenza għall-ittra datata 21 ta' Jannar 2019, mibgħuta mill-avukat ta' Rockcut Ltd, fejn rreferew għall-inċident li ġara fil-21 ta' Novembru 2018 meta l-pont imsemmi ċeda taħt il-piż ta' trakk tal-istess kuntrattur. Fl-istess ittra ġie allegat li dan kien ikkawżat minħabba nuqqas ta' manutenzjoni minn naħa tal-Kunsill.

5.9.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li t-triq ta' quddiem il-*boathouses* hija proprjetà privata skont kif jirriżulta mill-kuntratti tal-akkwist tal-istess boathouses. Apparti dan, it-triq in kwistjoni qatt ma kienet intenzjonata li tieħu trakkijiet kbar mgħobbija tat-tip kif murija fir-ritratt mehmuż mat-talba.

## 5.10.1. Rendikont Finanzjarju – Lulju / Settembru 2018 (F/1/1/Vol II)

5.10.2. Is-Segretarju spjega li d-dħul tal-Kunsill bejn Jannar u Settembru 2018 kien jammonta għal €984,057, filwaqt li kien hemm nefqa ta' €893,305, u hekk irriżulta bilanċ pożittiv ta' €90,752.

5.10.3. Il-valur tal-Assi Kurrenti (*Current Asset*) żdied meta mqabbel mal-ewwel sitt xhur tas-sena u kien jammonta għall-€969,996 (Ġunju 2018 - €938,274), li €872,349 minnhom kienu flus miżmuma f'kontijiet bankarji. L-Obbligazzjonijiet Kurrenti (*Current Liabilities)* żdiedu u telgħu fil-livell ta' €482,198 (Ġunju 2018 - €358,545), li jikkonsistu minn kontijiet pendenti (*Payables*) li jidhru fuq il-kotba, kif ukoll stima ta' spejjeż (*accruals*) fuq servizzi jew materjal mixtrija li kienu għadhom ma jidhrux fuq il-kotba.

5.10.4. Meta wieħed jieħu in konsiderazzjoni l-fatturi kollha msemmija, jirriżulta Indikatur tas-Sitwazzjoni Finanzjarja (ISF) ta' 44% - żieda ta' 1% fuq il-perċentwali reġistrat fil-kwart preċedenti.

5.10.5. F'dak li jirrigwarda l-Impjant u Tagħmir (*Plant and Equipment*), bejn Jannar u Ġunju, ġew kapitalizzati b'kemm jiswew €217,100 f'Assi Permanenti (*Fixed Assets*).

5.10.6. Il-valur oriġinali tal-Assi Permanenti *(Fixed Assets)* kollha akkwistati kien ta' €11,620,897, li meta wieħed jikkalkula d-deprezzament fuqhom sa tmiem Ġunju 2018, il-Valur Nett tagħhom fil-Kotba (*Net Book Value*) kien ta' €3,628,428.

5.10.7. Il-Kunsill approva r-rapport u talab li jiġi ppubblikat permezz tas-sitt elettroniku https://localgovernmentcms.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Quarterly-Financial-Reports.aspx

**5.11.1. Pavimentar taz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali** **(P/4/3/Vol IV)**

5.11.2. Is-Sindku għarraf li x-xogħol taz-zuntier beda fit-30 ta' Jannar 2019. Huwa fakkar ukoll li dan jinkludi t-tqegħid ta' rampa għall-persuni bi bżonnijiet speċjali fuq in-naħa tal-Belvedere tas-Sur.

5.11.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**6.1. Għażla tal-Iskema responsabbli mill-Ġbir ta' Skart Riċiklabbli** **(K/6/11)**

6.2. Is-Sur J. Buttigieg għarraf li saru żewġ laqgħat dwar is-suġġett t'hawn fuq, li attendew għalihom, hu flimkien mal-Kunsillieri J. Azzopardi u J. Gauci, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv C. Debono, fejn ġew trattati r-rekwiżiti li għandhom jidħlu fil-ftehim il-ġdid mal-iskema li trid tiġi assenjata s-servizz imsemmi.

6.3. Is-Segretarju għarraf li saru rappreżentazzjonijiet mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward l-assenjazzjoni ta' dan is-servizz, wara li sar magħruf b'mod mhux uffiċjali li l-istruzzjonijiet mogħtija dwar il-ħtieġa li tinħareġ sejħa pubblika għall-konċessjoni, kienet ġiet irtirata. Ingħatat tweġiba permezz ta' imejl datat 16 ta' Jannar 2019, mibgħut mid-Dipartiment, fejn intqal li, sakemm tinħareġ direzzjoni uffiċjali, il-Kunsill għandu jitkellem maż-żewġ skemi awtorizzati sabiex jissottomettu l-offerta tagħhom u tintgħażel l-iktar waħda vantaġġuża.

6.4. Fid-dawl tal-azzjoni li ttieħdet, iż-żewġ skemi ġew infurmati bir-rekwiżiti stabbiliti u fl-24 ta' Jannar saret is-sejħa li tagħlaq fis-7 ta' Frar 2019 f'nofsinhar.

6.5. Il-Kunsill iddeċieda li għandha ssir kontinwazzjoni ta' din is-seduta fil-11 ta' Frar 2019 fis-6.00pm, sabiex ikunu jistgħu jiġu diskussi l-offerti li jkunu ntefgħu.

**7.1. Sejħa għall-Offerti MLC 11/2018 – Restawr tal-Batterija ta' Westreme minn barra** **(P/10/30)**

7.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li s-sejħa msemmija għalqet fis-7 ta' Jannar 2019 u r-rispons għaliha kien kif ġej:

| Offerent | Prezz (esskluż il-VAT) |
|---|---|
| Appaltitalia s.r.l. | €402,012.40 |
| Edwin Bonello / Ediltop s.r.l. | €376,486.80 |
| Trowel Society Cooperative | €348,986.10 |

7.3. Is-Segretarju fakkar li l-baġit allokat għall-din il-parti tal-proġett huwa €199,610.87.

7.4. Il-Kunsill iddeċieda li għandu jinħatar kumitat ta' evalwazzjoni, kompost mis-Sindku J. Buttigieg, il-Kunsillieri A. Brincat Stellini u E. Bartolo, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv

C. Debono. Kien hemm qbil li s-sottomissjonijiet li saru għandhom jiġu mgħoddija lill-perit inkarigat mill-proġett sabiex jissottometti rapport tekniku.

**8.1. Sejħa għall-Offerti MLC 1/2019 – Restawr ta' Ħajt tas-Sejjieħ fi Telgħa ta' Selmun (P/10/27)**

8.2. Is-Segretarju għarraf li l-ftehim dwar l-għotja taħt il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali ġie ffirmat fit-3 ta' Diċembru 2018, filwaqt li nfetaħ kont mal-Bank Ċentrali sabiex ikunu jistgħu jgħaddu l-fondi. Is-Sur C. Debono qal ukoll li d-dokument tal-offerta kien lest u talab sabiex tinħareġ is-sejħa sabiex jitwettaq ix-xogħol.

8.3. Il-Kunsill innota l-iżviluppi li kien hemm u approva l-ħruġ tas-sejħa.

**9.1. Sejħa għall-offerti għall-provvista u nstallazzjoni ta' dwal ornamentali fi Triq it-Tramuntana, Triq San Pawl u fit-taraġ ta'Triq il-Madonna tal-Għar (E/1/3/Vol IV)**

9.2. Is-Sindku għarraf li l-*Contract Manager* fuq id-dwal tat-toroq intalab jagħmel stima dwar il-provvista u l-installazzjoni msemmija. L-istima li saret tammonta għall-€39,864. Is-Sur J. Buttigieg ippropona li ssir sejħa għall-offerti, billi fl-Estimi 2019 hemm vot, proprju għal din l-inizjattiva.

9.3. Il-Kunsill approva s-suġġeriment tas-Sindku.

**10.1. Impjieġ ta' Uffiċjal fi Skala 15 – Ħatra ta' Kumitat tal-Għażla (P/7/1/Vol XI)**

10.2. Is-Segretarju rrefera għad-diskussjoni li kien hemm fuq dan is-suġġett fis-Seduta Nru. 103 tat-13 ta' Novembru 2018. Huwa qal li l-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali approva l-impjieġ ta' persuna oħra abbażi taż-żieda fil-popolazzjoni, skont imejl mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, datat 8 ta' Jannar 2019. Is-Sur C. Debono għarraf ukoll li skont il-proċedura stabbilita, il-ħames ħaddiema assenjati mal-Kunsill ġew mgħarrfa bis-sejħa, iżda sad-data mogħtija, l-21 ta' Jannar 2019, ħadd minnhom ma kellu l-intenzjoni li japplika. Fl-istess jum ħarġet sejħa għall-impjegati tal-Kunsilli Lokali u l-Kumitat Reġjonali kollha, liema sejħa tagħlaq fl-4 ta' Frar 2019.

10.3. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet u ddeċieda li jinħatar kumitat tal-għażla kompost, mis-Sindku J. Buttigieg, il-Kunsillieri E. Bartolo, A. Brincat Stellini u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono.

**11.1. Mozzjoni dwar l-għoti ta' *performance bonus* lill-impjegati tal-Kunsill (Wages)**

11.2. Il-*performance appraisal reports* dwar l-prestazzjoni ta' kull impjegat ġew imressqa waqt is-seduta mis-Sindku.

11.3. Fir-rigward tas-Segretarju Eżekuttiv, kien hemm qbil li qabel jitħallas il-perċentwali ndikati fil-mozzjoni, għandhom jsiru rappreżentazzjonijiet mad-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali għall-approvazzjoni tiegħu, skont il-proċedura stabbilita.

11.4. Il-Kunsill approva l-mozzjoni, wara li din ġiet issekondata mill-Kunsillier J. Gauci.

**12.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti**

12.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 26 ta' Jannar 2019.

12.3. Il-Kunsillier P. Cutajar għarraf li huwa kien qiegħed jastjeni mid-diskussjoni u sehem fid-deċiżjoni dwar l-*item* Nru. 29 fl-iskeda, skont kif mitlub fl-Artiklu 19 tal-Att XV tal-1993.

12.4. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal skont l-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

12.5. Tressqet Skeda ta' Pagamenti li saru permezz tal-*petty cash* bejn il-11 u l-31 ta' Diċembru 2018.

12.6. Tressqet ukoll b'mod separat skeda ta' pagamenti li tkopri bejn l-5 u s-26 ta' Jannar 2019.

12.7. Il-Kunsillier P. Cutajar reġa' intervjena u ġibed l-attenzjoni li huwa kien qiegħed jastjeni mid-diskussjoni u sehem fid-deċiżjoni dwar l-*item* Nru. 38 fl-iskeda, skont kif mitlub fl-Artiklu 19 tal-Att XV tal-1993.

12.8. Il-Kunsill approva l-akkwist u l-pagamenti kollha fl-iskedi msemmija. Kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Quarterly-Financial-Reports.aspx

**AĠĠORNAMENT**

Bi ftehim bejn dawk preżenti, is-seduta spiċċat fl-10:25pm u kien hemm qbil li kontinwazzjoni ta' din is-seduta għandha ssir nhar it-Tnejn, 11 ta' Frar 2019 fis-6.00 pm.

| | |
|---|---|
| John Buttigieg | Carmel Debono |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |